MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Numru. 715/2012

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR FABIAN FLERI**
**SPETTUR JURGEN VELLA**

**KONTRA**

**KEITH FELICE ta’ 23 sena, iben Martin u Mary nee’ Abdilla, imwieled tal-Pieta’ nhar it-13 ta’ Settembru, 1989, residenti fil-fond Blokk E, Bieb A, Flat 8, Triq il-Hagar, Tarxien, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 422289M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra ‘l hawn fuq imsemmi **Keith Felice** li gie akkuzat talli:

1. Nhar is-6 ta’ Lulju, 2012, u t-8 ta’ Lulju, 2012, minn gewwa r-residenza bl-isem ta’ Notre Espoire, Triq tax-Xemx u l-Qamar, Fgura, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti fosthom gojjellerija, flus u armi tan-nar, liema serq huwa aggravat bl-ammont li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-lok u bil-mezz, u dan ghad-detriment ta’ Grazio Cassar, Ruth Cassar u/jew persuna/i ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamel hsara fil-bieb tal-imsemmija residenza, liema hsarat huma ta’ anqas minn €116.47 (hamsin lira Maltin) ghad-dannu ta’ Grazio Cassar, Ruth Cassar, u/jew persuna/i ohra;

3. U aktar talli nhar is-7 ta’ Lulju, 2012 u fil-granet ta’ wara din id-data xjentement f’Malta, laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg haddiehor, li l-valur taghhom jeccedi l-elfejn u tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) mehudin b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibiegh jew imexxi dawn l-oggetti.

Rat l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat fl-istadju tal-prezentata b’arrest (folio 6), u dan wara li gie moghti zmien xieraq skond il-Ligi sabiex jerga’ jahseb dwar l-ammissjoni tieghu.

Rat li r-res furtiva giet ritornata u li giet irtirata l-kwerela.

Ikkunsidrat:

Illi wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 269, 289, 325, 389, 334, u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; din il-Qorti qieghda fuq ammissjoni ssib lill-imsemmi mputat Keith Felice hati ta’ l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, u tordna li jitqieghed taht Ordni ta’ Probation ghal zmien 3 snin skond l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’dan illi huwa ghandu jsegwi program residenzjali

kontra l-abbuz tad-droga, u meta jispicca l-istess b'success, huwa ghandu jibqa' taht sorveljanza.

Il-Qorti tordna li f'kaz ta' ezitu negattiv, tigi nfurmata mmedjatament permezz ta' rapport.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------